31994R1626

6.7.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 171/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1626/94
tas-27 ta' Ġunju 1994
li jesiġi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fil-Mediterran

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi ma kien hemm l-ebda regolament fil-livell ta' Komunità fuq il-konservazzjoni u t-treġġija ta' riżorsi tas-sajd fil-Mediterran matul l-ewwel 10 snin tal-politika tas-sajd komuni minnħabba ċ-ċirkostanzi partikolari jaddattaw irwieħhom ferm anqas faċli għall-applikar tar-regoli analogi għal dawk li japplikaw fl-Atlantiku u l-Baħar ta' Tramuntana sa mill-1983;

Billi, madankollu, issa wasal iż-żmien sabiex jiġu rrimedjati l-problemi li preżentement jaffetwaw ir-riżorsi fil-Mediterran bl-introduzzjoni ta' sistema ta' treġġija armonizzata mfassla għal-dawn iċ-ċirkostanzi, billi jittieħed rendikont tar-regolamenti eżistenti nazzjonali u jsiru aġġustamenti għal ta' l-aħħar, kif meħtieġ sabiex jiġu mħarsa ħażniet, f'manjiera bilanċjata u, fejn xieraq b'mod progressiv;

Billi il-Komunità trid ukoll tfittex, b'kooperazzjoni ma' kull Stat kostali tal-Mediterran ikkonċernat, li tistabbilixxi politika komuni għat-treġġija u l-esplojtazzjoni ta' ħażniet ta' ħut fil-Mediterran; billi, fuq dan kollu, is-sistema ta' treġġija introdotta b'dan ir-Regolament tkopri ħidmiet relatati mas-sajd ta' ħażniet tal-Mediterran imwettqa minn dgħajjes li jtajjru bandiera ta' pajjiż terz fil-portijiet tal-Komunità;

Billi atrezzar li, jekk jintuża fil-Mediterran, jikontribwixxi eċċessivament għad-degradazzjoni ta' l-ambjent marittimu, jew għal tnaqqis ta' ċerti ħażniet għandhom jiġu projbiti; billi parti miżżona kostali għandha tkun riservata għall-attrezzar selettiv użat minn sajjieda ta' daqs żgħir, billi, minkejja l-iskop ġeografiku tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3094/86 tas-7 ta' Ottubru 1986 li qiegħed ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd [4], id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament rigward xbieki bl-imrejkba tal-garġi u tartarun bil-forom tal-ixkejjer huma diga applikabbli fil-Mediterran;

Billi huwa xieraq li jiġu definiti l-karatteristiċi tat-tipi ewlenien ta' attrezzar tas-sajd użat fil-Mediterran, partikolarment id-daqs minimu tal-malji, kif ukoll id-daqs minimu ta' ċerti speċi ta' ħut, krustaċi, molluski u prodotti oħra tas-sajd speċifiċi għall-Mediterran sabiex tiġi impedita l-esplojtazzjoni żejda tagħhom;

Billi, bl-istess mod, sabiex jiġu skansati s-sitwazzjonijiet li fihom ħut ta' daqs iżgħar jiġu maqbuda, huwa meħtieġ li jiġu protetti ċertu żoni, fejn jiltaqgħu l-friegħ, rendikont jittieħed tal-kondizzjonijiet bioloġiċi lokali f'dawn iż-żoni varji; billi huwa hekk xieraq li, meta żoni tas-sajd ikunu regolati fil-Mediterran, kemm leġislazzjoni tal-Komunità u anke nazzjonali għandhom jieħdu rendikont tal-bżonnijiet speċjali tal-ispeċi partikolari u l-ambjenti rikkonoxxuti li jkunu fraġli jew imperikolati;

Billi, sabiex ma jimpedixxix riċerka xjentifika, tali Regolament m'għandux japplika fuq kull ħidma meħtieġa għall-iskop ta' din ir-riċerka;

Billi miżuri nazzjonali supplimentari għal, jew li jmorru lill hinn mill-ħtiġijiet minimi ta', is-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament jew miżuri li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn dawk involuti f'attivitajiet tas-sajd għandhom jibqgħu possibli; billi tali miżuri jistgħu jibqgħu mantenuti jew introdotti, bla ħsara għal reċensjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kompatibilità tagħhom mal-liġi tal-Komunità u l-konformità tagħhom mal-politika komuni fuq is-sajd;

Billi, għall-perjodu limitat u skond il-proċedura li tassigura l-effett minimu negattiv fuq riżorsi u l-attivitajiet tas-sajjieda

[1] ĠU L 5, tad-9.1.1993, p. 6 u ĠU L 306, tat-12.11.1993, p. 10.
[2] ĠU C 255, ta' l-20.9.1993, p. 237.
[3] ĠU C 201, tas-26.7.1993, p. 27.
[4] ĠU L 288, tal-11.10.1986, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3919/92 (ĠU L 397, tal-31.12.1992, p. 1).

tal-Komunità, miżuri nazzjonali awtorizzati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aċċettati;

Billi l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 tal-20 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi sistema tal-Komunità għas-sajd u l-akwakultura [1], jobbliga Stati Membri sabiex jassiguraw li żoni ta' sajd mhux kummerċjali ma jipperikolawx il-konservazzjoni u t-treġġija tar-riżorsi koperti mill-istateġija komuni tas-sajd; billi dan l-obbligu huwa ta' importanza partikolari fil-Mediterran minnħabba il-firxa estensiva ta' dawn l-attivitajiet f'dak il-baħar u billi huwa importanti li jiġu limitati l-effetti negattivi dwar dan fuq il-prospett tal-ħażniet;

Billi l-Komunità hija firmatarja tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li fiha jinsabu l-prinċipji u r-regoli li jiggvernaw il-konservazzjoni u t-treġġija ta' risorsi bioloġiċi marini,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal kull sajd u attivitajiet relatati li jsiru fi ħdan it-territorju tal-ilmijiet marittimi tal-Mediterran fuq il-lvant fil-linja 5° 36′ punent li jaqgħu taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri bl-eċċezzjoni ta' għadajjar u laguni. Għandu wkoll japplika fuq dawk l-attivitajiet li jsiru fil-Mediterran barra dawk l-ilmijiet tal-dgħajjes tal-Komunità.

2. Stati Membri b'kosta fil-Mediterran jistgħu jibqgħu jilleġislaw fiż-żoni koperti mill-paragrafu 1, inklużi dawk ta' żoni tas-sajd mhux kummerċjali, billi jadottaw miżuri li jissuplimentaw lil, jew imorru lill hinn mill-ħtiġijiet minimi ta', is-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament, kemm il-darba tali miżuri huma kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u f'konformità mal-politika komuni tas-sajd.

Meta jiġu addottati tali miżuri, Stati Membri għandhom joqgħodu attenti għall-konservazzjoni ta' speċi pperikolati jew ambjenti fraġli, partikolarment dawk elenkati fl-Anness I.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata, fil-ħin sabiex tkun tista tippreżenta l-osservazzjonijiet b'mod konformi mal-proċedura mqegħda fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 3094/86, b'kull pjanijiet li jintroduċu jew jemendaw konservazzjoni nazzjonali u miżuri ta' treġġija ta' riżorsi.

L-Artikolu 2

1. L-użu għall-skopijiet tas-sajd u ż-żamma abbord ta' materjal ta' sustanzi tossiċi, xaħxeħin jew korrusivi, ta' ġeneraturi ta' xokkijiet elettriċi u ta' splussivi għandu jkun ipprojbit.

2. L-użu ta' slaleb ta' San Andrija u attrezar tal-irmonk simili għall-ħsad tal-qroll u l-użu ta' mrietel pnewmatiċi jew strumenti tal-perkussjoni għall-ġbir ta' molluski litofagi għandu jkun ipprojbit.

3. L-użu ta' xbieki li jdawwru u tal-irmonk mitluqa minn dgħajsa u mħaddma mill-plajja (tartaruni) għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar 2002 kemm-il darba il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi mod ieħor fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika li tipprova li l-użu tagħhom m'għandux impatt negattiv fuq riżorsi.

L-Artikolu 3

1. L-użu ta' xbieki ta' tkarkir, tartaruni jew xbiek simili għandu jkun ipprojbit 'il ġewwa minn tliet mili nawtiċi mill-kosta jew fil-*isobath* ta' 50 m meta dak il-fond huwa milħuq f'distanza iqsar, irrispettivament mill-metodu tal-irmonk jew traxxinar, ħlief fejn derogazzjoni hija provduta f'leġislazzjoni nazzjonali fir-rigward ta' żona kostali ta' tliet mili li testendi lill hinn mill-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru.

Madankollu, kull attrezar tas-sajd użat f'distanza mill-kosta ta' inqas minn dak stipilat fl-ewwel subparagrafu w użat skond il-liġi nazzjonali fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1994 jista' jintuża sal-31 ta' Diċembru 1998, kemm-il darba il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi mod ieħor fid-dawl ta' tġarif xjentifiku li jipprova li l-użu tagħhom m'għandux impatt negattiv fuq riżorsi.

2. Bħala derogazzjoni mill-paragrafu 1, l-użu ta' gangmu sabiex jinqabdu frott il-baħar għandu jkun awtoriżżat irrispettivament mid-distanza mill-plajja u l-fond, kemm il-darba il-qabda tal-ispeċi li mhix frott il-baħar ma teċedix l-10 % tal-piż totali tal-qabda kollha.

3. Is-sajd permezz ta' xbieki ta' tkarkir tal-qiegħ, tartaruni jew xbiek ieħor il-fuq mis-saff ta' Posidonja (*Posidonia Oceanica*) jew fanerogam tal-baħar ieħor għandu jiġi pprojbit.

4. Għandu jkun ipprojbit li tarma kull tip ta' xibka mdawwra l-ġewwa minn 300 m tal-kosta jew il-ġewwa minn *isobath* ta' 30 m fejn tali fond huwa milħuq f'distanza iqsar.

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu elenku ta' żoni protettivi li fihom l-attivitajiet tas-sajd huma ristretti għal raġunijiet bioloġiċi speċifiċi għal dawk iż-żoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati għandhom jistabbilixxu l-elenku ta' attrezzar tas-sajd f'żoni protetti, kif ukoll ir-regoli tekniċi xierqa, fuq il-bażi tal-oġġettivi ta' konservazzjoni rilevanti u b'mod konformi ma' dan ir-Regolament.

3. Il-miżuri li għalihom saret referenza fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni, li għandha tikkomunikahom lill-Istati Membri oħra.

[1] ĠU L 389, tal-31.12.1992, p. 1.

L-Artikolu 5

1. Stati Membri għandhom jistabbilixxu restrizzjonijiet li jinvolvu l-karatteristiċi tekniċi ta' t-tipi ewlieni ta' attrezar bil-ħtiġiet minimi esiġiti fl-Anness II.

2. Ir-restrizzjonijiet li għalihom saret referenza fil-paragrafu 1 għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni b'konformita ma' l-Artikolu 1(3).

Meta jeserċita s-setgħat b'mod konformi ma' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 3094/86 il-Kunsill għandu jieħu nota tal-karatteristiċi ta' l-attivitajiet taż-żoni tas-sajd partikolari għall-ilmijiet konċernati.

L-Artikolu 6

1. L-użu u ż-żamma abbord ta' xbieki ta' tkarkir jew attrezar tal-irmonk, xbieki tal-garġi jew xbieki li jdawru għandu jkun ipprojbit, kemm-il darba d-daqs tal-malji f'dik il-parti tax-xibka li għandha l-iżgħar malji huwa ugwali għal jew aktar mill-iżgħar daqsijiet tal-malji elenkati fl-Anness III.

Kull attrezar tas-sajd li d-daqs minimu tal-malji huwa inqas mid-daqs tal-malju mqiegħed fl-Anness III, użat b'mod konformi mal-liġi nazzjonali fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1994 jista' madankollu jintuża sal-31 ta' Diċembru 1998, kemm-il darba il-Kunsill, b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi mod ieħor fid-dawl ta' tgħarif xjentifiku li jipprova li l-użu tagħhom m'għandux impatt negattiv fuq risorsi.

2. Daqsijiet tal-malju għandhom ikunu stabbiliti b'mod konformi mal-proċedura imqegħda mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2108/84 ([1]).

3. It-tul tal-ixbieki għandhom ikunu definiti mit-tul tal-linja li żomm fil-wiċċ. It-twaqqiegħ tal-ixbieki ikun definit bħala s-somma tal-għoli tal-malji (inkluż l-għoqod) meta mxarrba u mġebbed perpendikolari mal-linja li żżomm fil-wiċċ.

L-Artikolu 7

Stati membri jistgħu jimpedixxu nżul fil-postijiet il-barra minn dawk preparati apposta jew awtorizzati għal dak l-iskop. Meta Stati Membri jadottaw tali miżuri, għandhom jinnotifikawhom immedjatament lill-Kummissjoni, li għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

L-Artikolu 8

1. Ħut, krustaċej, molluski jew kull prodott ieħor tas-sajd ikun meqjusa bħala ta' daqs iżgħar jekk ikun inqas mid-daqs minimu speċifikat fl-Annes IV ta' l-ispeċi rilevanti.

Id-daqs tal-ħut, krustaċeji u molluski għandu jkun imkejjel b'mod konformi ma' l-Artikolu 5(2) tar- Regolament (KEE) Nru 3094/86 kemm-il darba ma jiġix speċifikat mod ieħor fl-Anness IV. Jekk aktar minn metodu wieħed ta' kejl huwa permissibli, il-ħut, krustaċej jew molluski għandhom ikun meqjusa tad-daqs meħtieġ jekk ta' l-anqas wieħed mid-daqsijiet stipulati huwa aktar mid-daqs minimu rilevanti.

2. Id-daqs minimu għall-qroll, rizzi, mrieżeq tal-baħar u sponoz għandhom ikunu addottati b'mod konformi mal-proċedura esiġita fl-Artikolu 43 tat-Trattat.

3. Ħut, krustaċeji, molluski u kull prodott tas-sajd ieħor ta' daqs żgħir m'għandhomx jinżammu abbord, trasbordati, imniżżla, trasferiti, maħżuna, mibjugħa, murija jew offruti għall-bejgħ.

L-Artikolu 9

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet tas-sajd mwettqa biss għall-iskopijiet ta' investigazzjonijiet li huma magħmula bil-permess u taħt l-awtorita' ta' l-Istat Membru jew Stati Membri konċernati u li tagħhom il-Kummissjoni tkun ġiet infurmata.

L-Artikolu 10

Meta jeserċitaw is-setgħat taħt dan ir-Regolament, u partikolarment meta jippreparaw proposti għall-miżuri f'setturi koperti b'patti ta' ftehim konklużi bejn sajjieda, il-kummissjoni għandha tfittex l-opinjoni tal-organizzazzjonijiet li tirrapreżenthom.

L-Artikolu 11

Dan ir-Regolament jidħol fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1995.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ġunju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

C. SIMITIS

([1]) ĠU L 194, ta' l-24.7.1984, p. 22.

L-ANNESS I

SPEĊI U AMBJENTI FRAĠLI U PPERIKOLATI

SPEĊI:

Kull speċi marittima ta':

— mammiferi (*cetaceans, pinnipeds*),

— għasafar,

— rettili (*chelonids*),

— ħut,

preżenti fil-Mediterran u indikati fl-Anness I u II għall-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' speċi migratorji ta' annimali selvaggi bid-Deċiżjoni 82/461/KEE [1] jew l-Anness II għall-konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' ħajja selvaġġa Ewropea u abitat naturali approvata bid-Deċiżjoni 82/72/KEE [2].

AMBJENTI:

— artijiet mistgħadra tal-kosta,

— saffi ta' fanerogami tal-baħar.

[1] ĠU L 210, tad-19.7.1982, p. 10.
[2] ĠU L 38, ta' l-10.2.1982, p. 1.

L-ANNESS II

ĦTIĠIET MINIMI RELATATI MAL-KARATTERISTIĊI TAT-TIPI EWLENIN TA' L-ATTREZAR TAS-SAJD

Tartarun (pelagiċi u demersalli)

— L-użu ta' kull strument li jkopri s-sakku, fuq in-naħa ta' ġewwa jew ta' barra, huwa ristrett għall-apparat awtorizzat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3440/84 [1].

Gangmi

— Il-wisa' massimu ta' gangmi huwa 4 m, ħlief fil-każ ta' gangmi għas-sajd ta' l-isponoż (*gagava*).

Xbieki li jiċċirkolaw (tartaruni u xbieki lampara)

— It-tul ta' l-ixbieki huwa ristrett sa 800 m u l-waqgħa sa 120 m, ħlief fil-każ ta' tartarun tat-tonn.

Xbieki imqegħda tal-qiegħ (xbiek tal-garġi u xbiek ta' tħabbil) u xbiek ta' xkiel

— Il-waqgħa massima ta' xbiek imqegħda tal-qiegħ huwa ta' 4 m,

— Huwa pprojbit li jkun hemm abbord u tqiegħed aktar minn 5 000 m ta' xbiek imqiegħed fil-qiegħ għal kull bastiment.

Linja twila mqegħda fil-qiegħ

— Huwa pprojbit li jkun hemm abbord u tqiegħed aktar minn 7 000 m ta' xlief twil għal kull bastiment.

Xlief twil imqiegħed tal-wiċċ

— Huwa pprojbit li jkun hemm abbord u tqiegħed ta' aktar minn 60 km ta' xlief twil għal kull dgħajsa.

[1] ĠU L 318, tas-7.12.1984, p. 23.

L-ANNESS III

DAQSIJIET MINIMI TA' MALJI

Xbieka mkarka (tkarkir tal-qiegħ, tkarkir tal-wiċċ (*), tartaruni ankrati, eċċ.):	40 mm
Xbieki li jdawwru:	14 mm

(*) Għal tkarkir tal-wiċċ tas-sardin u l-inċova, id-daqs minimu tat-toqob huwa mnaqqas għal 20 mm meta dawn l-ispeċi jammontaw għal mill-anqas 70 % tal-qabsa wara li tkun saret l-għażla.

L-ANNESS IV

DAQSIJIET MINIMI

Speċi	Daqs minimu
ĦUT	
Dicentrarchus labraz	23 cm
Diplodus spp.	15 cm
Engraulis encrasicolus (*)	9 cm
Epinephelus spp.	45 cm
Lophius spp.	30 cm
Merluccius merluccius	20 cm
Mugil spp.	16 cm
Mullus spp.	11 cm
Pagellus spp.	12 cm
Pagrus pagrus	18 cm
Polyprion americanus	45 cm
Scomber scombrus	18 cm
Solea vulgaris	20 cm
Sparus aurata	20 cm
Thunnus thynnus	70 cm jew 6,4 kg
Trachurus spp.	12 cm
Xiphias gladius (**)	120 cm
KRUSTAĊEJ	
Homarus gammarus	85 mm *carapace* 240 mm tul totali
Nephrops norvegicus	20 mm *carapace* 70 mm tul totali
Palinuridae	240 mm tul totali
MOLLUSKOLI	
Pecten spp.	100 mm
Venerupis spp.	25 mm
Venus spp.	25 mm

(*) L-Istati Membri jistgħu jikkonvertu d-daqs minimu f'numru ta' individwi għal dan l-ispeċi kull kilogramma.

(**) It-tul huwa mkejjel matul il-linja dritta miġbuda mill-ponta tax-xedaq ta' taħt sa l-estremità warranija ta' l-aqsar ponta tad-demb.